MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Numru 242/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Joseph Xuereb**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Gunju 2009, li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Martin Joseph Xuereb hati ta' serq kwalifikat, bl-aggravanti tar-recidiva, u kkundannatu ghall-piena ta' seba' xhur prigunerija. L-imsemmi Martin Joseph Xuereb (bin Anthony u Carmen nee Vella, imwieled l-Awstralja fit-12 ta' Frar 1973, u detentur tal-karta ta' l-identita` nru 509090M) tressaq b'att ta' citazzjoni (liema citazzjoni giet registrata fir-registru tal-qorti fit-8 ta' Novembru 2006) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) akkuzat talli fl-14 ta' Jannar 2006 u fil-gimghat ta' qabel, f'Ghajnsielem, Ghawdex, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti tad-

deheb li l-ammont taghhom huwa ta' aktar minn elf lira mill-fond 'Bellavista', Flat 1, Triq il-Qighan, Ghajnsielem a dannu ta' John u Stephanie Debono, liema serq kien kwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok; huwa kien akkuzat ukoll li kien recidiv b'diversi sentenzi.

**2.** Wara li l-Qorti Inferjuri, fl-attribuzzjoni taghha ta' Qorti Istruttorja, semghet il-provi, l-Avukat Generali, b'nota ta' rinviju ghall-gudizzju tas-7 ta' Mejju 2007, baghat il-kawza biex tigi deciza mill-Qorti Inferjuri, fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-istess akkuzat (ara fol. 62). Wara mill-anqas tliet seduti li fihom ma seta' jsir xejn ghax l-imputat ma deherx il-qorti u l-Pulizija Ezekuttiva ma rnexxiliex issibu biex tezegwixxi il-mandat ta' arrest mahrug mill-Qorti tal-Magistrati, fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2007, l-imputat Xuereb iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz mill-Qorti Inferjuri (ara fol. 74 tal-atti). Il-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza, izda l-imputat ma ressaq ebda provi, in fatti anqas ma xehed. Fl-udjenza tal-5 ta' Jannar 2008 effettivament iddikjara li ma kellux provi xi jressaq (fol. 97). Wara diversi differimenti – daqqa ghax ma jidhirx l-akkuzat jew l-avukat tieghu u daqqa ghax ma jidhirx l-ufficjal prosekutur tal-Pulizija – il-Qorti Inferjuri tat is-sentenza taghha fil-25 ta' Gunju 2009. Hija sabet lill-imsemmi Xuereb hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu – bir-recidiva tkun dik skond l-Artikolu 289 tal-Kap. 9 – u b'dan pero` ukoll li l-valur tal-oggetti misruqa kien biss ta' aktar minn mitt lira, u mhux ta' aktar minn elf lira (ghalhekk Artikolu 279(a) u mhux 279(b) tal-Kap. 9). Dik il-qorti kkundannatu seba' (7) xhur prigunerija.

**3.** Xuereb appella, b'rikors presentat fit-9 ta' Lulju 2009. Huwa ressaq bazikament zewg aggravji, u cioe` li huwa gie misjub hati hazin ghax il-provi ma kellhomx iwasslu lill-ewwel qorti ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha; u, subordinatament jillanja mill-piena. L-abbli difensur tieghu, fir-rikors ta' appell, accenna ghal dawk li huwa jsejhilhom inkonsistenzi u diskrepanzi – per ezempju, it-trapass taz-zmien mid-data li fiha saret is-serqa, jew ghall-anqas li giet skoperta, u data li fiha saru r-rapporti lill-Pulizija; l-inkonsistenzi bejn id-deposizzjoni

ta' Stephanie Debono (li ammettiet li kellha relazzjoni ma' l-appellant) u dik ta' zewgha John Debono. Jghid ukoll li dak li s-Supretendent Antonello Grech u John Debono jghidu li qalilhom l-appellant, u cioe` li huwa ammetta maghhom li kien seraq l-oggetti in kwistjoni, jammonta ghal *hearsay* u ghalhekk mhux ammissibbli bhala prova.

**4.** L-appell gie trattat fil-12 ta' Dicembru 2009. Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha migjuba, u hi tal-fehma li l-appell ghandu jigi respint u dan minkejja l-kwistjoni, li ser tigi spjegata aktar 'l quddiem, ta' x'insteraq fil-fatt.

**5.** Jibda biex jinghad li hija regola kardinali tad-dritt procedurali penali taghna li kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontrih kemm-il darba jirrizulta li dik il-konfessjoni tkun maghmula minnu volontarjament u ma tkunx giet imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi (Art. 658 tal-Kap. 9). Ma hemmx ghalfejn li tali ammissjoni ssir lil xi ufficjal f'awtorita` -- tista', per ezempju, ssir ma' persuna *discorrendo*, u tigi rappurtata minn dak li jkun semaghha (anke jekk dak li nghad ma kienx indirizzat lilu). Is-Superetendent Antonello Grech xehed illi meta huwa kien qed ikellem lil Xuereb in konnessjoni ma' xi kaz iehor *"kellimtu fuq dan is-serq…u kien ammettieli dak inhar li kien ha xi flus u ried iroddhom lura peress li kellu xi multi tal-qorti li ried ihallashom"* (fol. 49). Minkejja dan, meta kien qed jigi interrogat formalment aktar tard mill-istess Supretendent kif ukoll mill-Ispettur Paul Camilleri, is-sekwenza ta' mistoqsija u twegiba kienu hekk:

***"M. Nghid sew li int ammettejt mieghi l-Ispettur Antonello Grech [1] li hadtilha d-deheb peress li ridt thallas xi multa?***
***"T. Iva.***
***"M. Kif hadtulha u minn fejn?***
***"T. Minn gol-kamra tas-sodda. Hi kienet ghadha kemm fethet kexxun u taghtni d-deheb li semmejt aktar 'l***

[1] In segwitu Supretendent.

***fuq. Imbaghad malli dawwret wiccha hadt il-kumplament tad-deheb li kien hemm."***

**6.** Ghalhekk jidher li l-ammissjoni kienet ghar-rigward tad-deheb u mhux ghal dawk li huma flus. In fatti, il-problema f'dan il-kaz hija mhux ta' jekk insteraqx xi haga, izda ta' x'insteraq. In fatti, fil-waqt li l-Pulizija, fic-citazzjoni, akkuzat lill-Xuereb li l-valur tal-flus u oggetti misruqa kien ta' aktar minn Lm1,000, l-ewwel qorti sabet, kif diga` gie osservat, biss valur li kien jeccedi l-Lm100. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li l-appellant seraq, a dannu tal-konjugi Debono, ammont ta' deheb li jeccedi l-mitt lira – li hemm dubju dwaru, anke in vista tad-deposizzjoni ta' Stephanie Debono, huwa jekk insterqux ukoll il-flus mill-karusijiet. Ghalkemm Staphanie Debono, fil-bidu tad-deposizzjoni taghha, tghid li kienet ghamlet rapport fil-Ghassa tal-Pulizija illi kienu insterqulha Lm190 mill-karusijiet tat-tfal kif ukoll xi deheb, aktar 'l quddiem fl-istess deposizzjoni tghid hekk:

***"Jien ghandi nghid illi fil-fatt ma' Martin kont iltqajt mieghu kemm-il darba. U ghandi nghid illi apparti l-ghaxar liri (Lm10) tal-portmoni u d-deheb li hadli mid-dar u l-mija u hamsin lira (Lm150) li selliftu, Martin ma hadlix flus ohra."***

**7.** Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti jkollha taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellant fis-sens li ma tarax li effettivament jista' jinghad b'certezza li kien hemm ukoll is-serq tal-Lm190 mill-karusijiet.

**8.** Is-sejbien ta' htiha mill-ewwel qorti kien, ghalhekk, gustifikat, ghax certament kien hemm serq ta' oggetti (deheb) f'valur li jeccedi l-mitt lira (apparti l-kwalifiki tal-lok u tal-persuna, u apparti r-recidiva). Tqum ghalhekk il-kwistjoni jekk ghandux ikun hemm varjazzjoni fil-piena semplicement minhabba l-fatt li l-ewwel qorti kienet qed timxi fuq il-premessa li kien hemm aktar oggetti misruqa milli effettivament insterqu (ghalkemm il-valur kien dejjem jeccedi l-mitt lira). Issa, skond l-Artikolu 279(a) il-piena ta' prigunerija hija ta' minimu ta' hames xhur u massimu ta' tlett snin. Galadarba hemm il-kwalifiki l-ohra (persuna u

lok), japplika l-Artikolu 280(1), b'mod li ghalhekk il-piena ma tistax tinghata fil-minimu taghha, u jrid jigi segwit l-Artikolu 20 tal-Kap. 9. Ghalhekk il-minimu ta' prigunerija f'dan il-kaz kien ta' ghaxar xhur – u dan apparti r-recidiva. L-ewwel qorti kjarament nizlet taht il-minimu meta ma setghetx taghmel hekk. Isegwi li ma hemm lok ta' ebda varjazzjoni fil-piena.

**9.** Ghall-motivi premessi, **tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata**. U peress li mill-atti jirrizulat li l-appellant ghandu diversi multi u ammendi li jidher li ghadhom ma thallsux, tordna lir-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex u lir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali f'Malta, sabiex minnufih jiehdu jsieb li jigbru l-multi u ammendi kollha li ghad hemm pendenti, jekk hemm, fir-rigward tal-appellant Xuereb u, jekk ikun il-kaz, jassiguraw li dawn jigu konvertiti fi prigunerija jew detenzjoni skond il-ligi. L-imsemmija Registraturi ghandhom jippresentaw fl-atti ta' din il-kawza fi zmien tlett gimghat mil-lum nota kull wiehed biex jispjegaw x'passi jkunu hadu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------